PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0216/2010**

29.6.2010

# RAPPORT

dwar ŻEE-Svizzera: Ostakli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern
(2009/2176(INI))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Rafał Trzaskowski

PR_INI

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA ............................................................**Error! Bookmark not defined.**

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT....**Error! Bookmark not defined.**

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ŻEE-Svizzera: Ostakli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern (2009/2176(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Ftehim tal-Kummerċ Ħieles tat-22 ta' Lulju 1972 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera,

– wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni, u b'mod partikolari l-Anness I tiegħu dwar il-moviment ħieles tal-persuni u l-Anness III dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali,

– wara li kkunsidra l-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u l-formalitajiet fir-rigward tal-ġarr ta' merkanzija u dwar il-miżuri għas-sigurtà tad-dwana,

– wara li kkunsidra l-***Ftehim*** tal-21 ta' Ġunju 1999 ***bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità,***

– wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ċerti aspetti tal-akkwisti tal-gvern,

– wara li kkunsidra l-Protokoll tas-27 ta' Mejju 2008 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni fir-rigward tal-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tar-Rumanija skont l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni fir-rigward tal-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka skont l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea,

– **wara li kkunsidra l-**Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Direttiva **2006/123**/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (id-"Direttiva tas-Servizzi")[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva **2005/36**/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta'

[1] ĠU L 376, 27.12.2006, p.36.

Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali[1],

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea adottata fit-33 laqgħa tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE fl-2008,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Politika Barranija Svizzera tat-2 ta' Settembru 2009,

– wara li kkunsidra l-25 Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern tal-Istati EFTA taż-ŻEE,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 217 li jagħti d-dritt lill-Unjoni li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0216/2010),

A. billi l-erba' Stati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) (l-Islanda, l-Lichtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera) huma sħab kummerċjali ewlenin tal-Unjoni Ewropea (UE), filwaqt li l-Isvizzera u n-Norveġja huma rispettivament ir-raba' u l-ħames sħab kummerċjali l-aktar importanti f'sens ta' volum,

B. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u tliet Stati Membri tal-EFTA (l-Islanda, il-Lichtenstein u n-Norveġja) huma bbażati fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) li tipprovdi għal parteċipazzjoni sħiħa fis-suq internazzjonali mal-Ftehim ŻEE mmaniġġjata u mmoniterjata f'qafas istituzzjonalizzat sew,

C. billi l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-ftehim ŻEE kienet ikkontestata b'vot popolari fl-1992 u għalhekk ir-relazzjonijiet bejn l-Isvizzera u l-UE huma attwalment ibbażati fuq iżjed minn 120 ftehima bilaterali u settorjali li jipprovdu għal livell wiesgħa ta' integrazzjoni imma mhux parteċipazzjoni sħiħa fis-suq intern,

***Introduzzjoni***

1. Iqis il-ftehima ŻEE bħala mutur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku; jilqa' r-riżultati miksuba mill-Istati ŻEE EFTA fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern, kif muri mit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern tal-Istati EFTA taż-ŻEE; jinnota li r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Isvizzera joħolqu ħafna iżjed sfidi f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni (FMĦP);
2. Jinnota li l-ftehimiet bilaterali ma jistabbilixxu l-ebda mekkaniżmu awtomatiku għall-adattament tal-kontenut tagħhom għall-evoluzzjoni li ssir aktar tard tal-*acquis* relevanti; jirrikonoxxi li l-adattament awtonomu tal-liġi nazzjonali għal-liġi tal-UE fl-oqsma koperti mill-ftehimiet bilaterali jirriżulta mid-deċiżjoni sovrana tal-poplu Svizzeru biex ma jingħaqadx maż-ŻEE, li għandha tiġi rispettata għal kollox;

***Implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern: il-pajjiżi EFTA taż-ŻEE***

3. Jilqa' l-inklużjoni ta' data mtejba dwar il-pajjiżi EFTA taż-ŻEE fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumaturi annwali; iħeġġeġ lill-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA, bl-għajnuna tal-Kummissjoni u f'kooperazzjoni magħha, biex tiżviluppa aktar l-

[1] ĠU L 255, 30.9.2005, p.22.

immoniterjar sistematiku tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern;

4. Jinnota li, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, teżisti inċertezza dwar liema leġiżlazzjoni tal-UE hija relevanti għaż-ŻEE; iqis li dan jaf iwassal għal implimentazzjoni iktar bil-mod tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern fl-Istati EFTA taż-ŻEE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipprovdi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni;
5. Jinnota li t-Trattat ta' Lisbona jkabbar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE; iqis li, b'analoġija, il-parlamenti fl-Istati EFTA taż-ŻEE għandhom ikunu assoċjati aktar mill-viċin mal-proċess leġiżlattiv tal-UE fir-rigward tal-proposti relevanti għaż-ŻEE; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati EFTA taż-ŻEE bil-proposti leġiżlattivi li jintbagħtu lill-parlamenti nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE għall-konsultazzjoni;
6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tifformalizza l-proċess tan-notifika tar-regoli u l-leġiżlazzjoni tal-UE l-ġodda li jaqgħu taħt l-ambitu tal-Ftehim ŻEE sabiex jitnaqqas id-distakk bejn l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida u l-aċċettazzjoni potenzjali tal-Istati EFTA taż-ŻEE;
7. Iħeġġeġ lill-Istati EFTA taż-ŻEE biex jallokaw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali dwar is-suq intern; iqis li l-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi, b’mod partikolari t-twaqqif ta’ punti ta' kuntatt waħdanin, hija ta’ importanza kruċjali f’dan ir-rigward;

8. Jirrikonoxxi li, għal raġunijiet istituzzjonali, l-implimentazzjoni ta’ leġiżlazzjoni dwar is-suq intern hija neċessarjament proċedura li qed timxi aktar bil-mod fil-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA milli fl-UE; jinnota li, minkejja dawn il-kundizzjonijiet differenti u l-bilanċ ġenerali pożittiv, anki fl-Istati taż-ŻEE/tal-EFTA għadu hemm potenzjal biex ikompli jitnaqqas id-defiċit tal-implimentazzjoni;

9. Jinnota li attwalment qed jiġu diskussi proposti importanti oħra għal leġiżlazzjoni dwar is-Suq Intern, inkluża l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur; jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid l-involviment tal-Istati Membri EFTA taż-ŻEE f'dawk id-diskussjonijiet;

***Implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern: l-Isvizzera***

10. Jilqa' l-progress li sar favur il-liberalizzazzjoni tal-għoti tas-servizzi transkonfinali bejn l-UE u l-Isvizzera u, b'mod partikolari, l-effetti pożittivi tal-FMĦP, kif deher miż-żidiet kostanti fin-numru ta' ħaddiema impjegati u fil-fornituri tas-servizzi li jaħdmu għal rashom mill-UE li kienu qed jaħdmu fl-Isvizzera bejn l-2005 u l-2009; jinnota li din it-tendenza kienet ta' benefiċċju reċiproku;
11. Jinnota li l-Isvizzera adottat numru ta' miżuri ta' appoġġ li jakkumpanjaw l-FMĦP bil-għan li jipproteġu l-ħaddiema kontra dumping soċjali u tas-salarji, jipprovdu trattament ugwali għall-fornituri tas-servizzi Svizzeri u tal-UE u jipproteġu l-appoġġ pubbliku għall-ftehim; josserva li dawn il-miżuri jistgħu jfixklu l-għoti ta' servizzi min-negozji tal-UE, b'mod partikolari min-negozji ta' daqs żgħir u medju fl-Isvizzera; jinnota li skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, numru minn dawn il-miżuri ta' appoġġ ikunu aċċettabbli biss jekk jipproteġu, b'mod proporzjonat, interess ġenerali li ma jkunx diġà protett fl-istat ta' oriġini tal-fornituri tas-servizz;
12. Jinnota li partikolarment il-miżuri ta' appoġġ li ġejjin mhumiex proporzjonati fir-rigward tal-ftehim dwar il-moviment ħieles u jagħmluha diffiċli għall-SMEs li joffru s-servizzi tagħhom fl-Isvizzera: l-obbligu ta’ avviż minn qabel b'perjodu ta' stennija ta’ tmint ijiem li qiegħed fis-seħħ fl-Isvizzera, ir-rekwiżit li jkun hemm kontribut għall-ispejjeż tal-

infurzar fil-konfront ta’ kummissjonijiet bi tliet partijiet u l-infurzar strett iżżejjed; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet Svizzeri biex jirrevokaw ir-regolamenti li jobbligaw impriżi barranin li jipprovdu servizzi transkonfinali biex jagħtu garanzija ta' integrità finanzjarja;

13. Jinsab imħasseb dwar l-iżviluppi reċenti fl-Ajruport ta' Zürich-Kloten fejn l-awtoritajiet Svizzeri rrifjutaw il-permess biex taxis Ġermaniżi u Awstrijaċi jwasslu l-passiġġieri, u jesprimi dubji serji dwar jekk din il-miżura tikkonformax mal-FMĦP; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina din il-kwistjoni fid-dettall;

14. Jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-miżuri li jfixklu t-tħaddim tas-suq intern fl-UE u li joħolqu wkoll problemi għall-fornituri tas-servizzi Svizzeri, u biex, jekk hu xieraq, jittieħdu xi miżuri;
15. Iħeġġeġ lill-Gvern Svizzeru, u d-distretti awtonomi, biex jieħdu l-eżempju tal-esperjenzi tal-UE u taż-ŻEE dwar il-ftuħ tas-settur tas-servizzi permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi; jenfasizza li, f'termini ekonomiċi, id-Direttiva tas-Servizzi qed ikollha effett ta' liberalizzazzjoni mhux biss bejn l-Istati Membri imma wkoll ġo fihom stess, permezz tal-proċess ta' skrining tal-leġiżlazzjoni nazzjonali biex jitneħħew ostakli bla bżonn għall-istabbiliment, u reviżjoni mill-pari, fejn l-Istati Membri qed jiġġustifikaw xi restrizzjonijiet ulterjuri fl-interess pubbliku; iqis għalhekk li eżerċizzju simili jaf ikun ta' għajnuna biex titwitta t-triq għal aktar għoti ta' servizzi transkonfinali bejn l-UE u l-Isvizzera;

16. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-gvern Svizzeru biex titjieb id-disponibilità tal-informazzjoni għan-negozji mill-UE;
17. Jilqa’ d-deċiżjoni tal-Parlament Svizzeru biex jittrasponi d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali u jistieden lill-Isvizzera u l-Kummissjoni biex jilħqu ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva malajr kemm jista’ jkun;

18. Josserva li b'mod ġenerali l-FMĦP m'għandux ftehim komprensiv dwar il-moviment ħieles tas-servizzi, b'dan tal-aħħar li huwa biss kopert b'mod selettiv minn ftehimiet bilaterali speċifiċi; jenfasizza li ftehim komprensiv dwar il-moviment ħieles tas-servizzi jġib vantaġġi ekonomiċi kunsiderevoli għaż-żewġ naħat; għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni u l-Isvizzera biex jesploraw il-possibilità li jniedu negozjati bil-għan li jiġi konkluż ftehim li jiġbor kollox fih dwar il-moviment ħieles tas-servizzi;

19. Filwaqt li jiġu rrispettati għal kollox il-kawżi tan-natura speċifika tar-relazzjonijiet bejn l-Isvizzera u l-UE, iqis li kull sforz għandu jsir sabiex regoli tas-suq intern identiċi u paralleli, fost l-oħrajn fil-qasam tal-moviment ħieles tas-servizzi, jiġu interpretati u applikati bl-istess mod fl-UE u fl-Isvizzera, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali tal-Isvizzera fis-suq intern;

20. Jisħaq fuq l-interess reċiproku tal-UE u tal-Isvizzera għal uniformità msaħħa fl-applikazzjoni tal-FMĦP u għal konverġenza iżjed f'waqtha tal-leġiżlazzjoni Svizzera u tal-UE dwar is-suq intern li tipprovdi lill-operaturi ekonomiċi miż-żewġ naħat b'ambjent iżjed trasparenti u prevedibbli;
21. Jilqa' t-tendenza indipendenti tal-awtoritajiet Svizzeri li jikkunsidraw il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE li saret wara l-iffirmar tal-FMĦP; jilqa' l-adozzjoni reċenti tal-leġiżlazzjoni Svizzera biex tqis il-prinċipju Cassis de Dijon;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Isvizzera biex jilħqu ftehim fil-pront fin-negozjati li għaddejjin dwar ftehimiet bilaterali inkluż dak dwar is-sikurezza tal-prodotti; jistieden lill-Kummissjoni u l-Isvizzera biex jifformulaw dawn il-ftehimiet u oħrajn futuri b'mod ċar u b'viżjoni, sabiex il-possibiltajiet ta' applikazzjoni inugwali jkunu strettament limitati mill-bidunett;

23. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Isvizzera biex jikkunsidraw l-iżvilupp ta' mekkaniżmu għal adattament iktar mgħaġġel tal-FMĦP għall-iżvilupp tal-*acquis* relevanti fl-oqsma li jaqgħu fl-ambitu tiegħu;

24. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Isvizzera biex jesploraw il-possibilitajiet li jinstabu soluzzjonijiet orizzontali għal ċerti kwistjonijiet istituzzjonali, biex titnaqqas il-frammentazzjoni u tiżdied it-trasparenza fis-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet u biex tiżdied il-komunikazzjoni bejn il-Kumitati Konġunti u biex jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu effettiv għas-soluzzjoni ta' kunflitti;

25. Jitlob komunikazzjoni msaħħa bejn il-Parlament Ewropew u l-Isvizzera u li r-rappreżentanti Svizzeri jkunu iżjed involuti fil-ħidma tal-Parlament Ewropew u l-korpi rispettivi tiegħu;

26. Jinnota li fid-dawl tal-isfidi l-ġodda fin-negozjati attwali u dawk ippjanati dwar ħafna oqsma ta' politika, fost l-oħrajn il-ħarsien tal-konsumatur, hemm bżonn li tiġi diskussa l-possibilità li jmorru lil hinn mill-qafas istituzzjonali eżistenti u forsi jikkonkludu ftehim bilaterali li jiġbor kollox fih għall-benefiċċju reċiproku tal-Isvizzera u l-UE;

°

° °

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-erba' Stati Membri (SM) tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) (l-Islanda, l-Lichtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera) huma l-imsieħba kummerċjali ewlenin tal-Unjoni Ewropea, bl-Isvizzera u n-Norveġja bħala rispettivament ir-raba' u l-ħames imsieħba kummerċjali l-aktar importanti f'sens ta' volum. Il-Parlament Ewropew iqis li l-erba' Stati Membri tal-EFTA u l-Istati Membri tal-UE jappartjenu b'importanza ugwali għall-ispazju kulturali komuni f'termini tal-iskambju ta' valuri ewlenin u tal-patrimonju kulturali u storiku.

**1. Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Membri tal-EFTA**

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u tliet Stati Membri (l-Islanda, in-Norveġja u l-Lichtenstein) tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) huma bbażati fuq il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) li ġie konkluż fl-1 ta' Jannar 1992 bejn l-Islanda, in-Norveġja u l-Lichtenstein, il-Komunità Ewropea (KE) u l-Istati Membri tagħha. Din tkopri l-istess "erba' libertajiet" tal-Komunità Ewropea, iżda tippermetti wkoll li l-pajjiżi tal-EFTA li qegħdin fiż-ŻEE jipparteċipaw f'ċerti politiki anċillari, bħall-politika dwar il-ħarsien tal-konsumatur u dik dwar l-ambjent. Il-ftehima hija bbażata fuq il-prinċipju tal-omoġeneità u dan ifisser li l-leġiżlazzjoni taż-ŻEE dwar l-oqsma koperti mill-ftehima għandha tkun kemm jista' jkun simili għall-acquis.

Huwa wkoll ta' importanza partikolari li l-membri EFTA taż-ŻEE jidħlu f'diskussjonijiet dwar il-biċċiet ewlenin li ġejjin tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bħal per eżempju il-proposta għal Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur.

L-Isvizzera ppparteċipat fin-negozjati li wasslu għall-konklużjoni tal-ftehim dwar iż-ŻEE. Madankollu, il-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-ftehim ġiet ikkontestata f'votazzjoni popolari fl-1992. Ir-relazzjonijiet bejn l-Isvizzera u l-UE ġew miftiehma iżjed fuq il-bażi ta' numru ta' ftehimiet bilaterali bejn il-KE u l-Istati Membri tagħha.

**2. Qafas istituzzjonali: Żewġ mudelli differenti ta' integrazzjoni ekonomika mingħajr adeżjoni**

Il-Ftehima dwar iż-ŻEE tistabbilixxi istituzzjonijiet konġunti magħmulin minn rappreżentanti tal-partijiet kontraenti li jieħdu ħsieb il-ftehima. Kumitat Konġunt huwa responsabbli għat-tmexxija kontinwa tal-ftehima u l-inkorporazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fid-dispożizzjonijiet tagħha. Dan huwa magħmul minn ambaxxaturi għall-UE mill-Istati Membri taz-ZEE/EFTA, rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Il-Ftehima dwar iż-ŻEE hija mmexxija f'qafas li huwa tassew istituzzjonalizzat: Is-Segretarjat tal-EFTA huwa responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Ftehima dwar l-EFTA. L-**Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA** timmonitorja l-implimentazzjoni tal-acquis rilevanti taz-ZEE fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-EFTA li qegħdin fiż-ŻEE. Din l-awtorità għandha wkoll il-kompetenza li tibda proċeduri ta' ksur fil-Qorti tal-EFTA li hija l-awtorità ġudizzjarja taz-ZEE.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Isvizzera ma jeżisti ebda qafas istituzzjonali komprensiv bħal dan. Kull ftehima bilaterali settorjali ġeneralment titmexxa minn Kumitat Konġunt separat, magħmul minn rappreżentanti tal-partijiet kontraenti. Min-naħa tal-Unjoni Ewropea, hija l-Kummissjoni li tilgħab l-irwol prinċipali.

Kemm il-Ftehima dwar iż-ŻEE kif ukoll il-Ftehimiet bilaterali jistabbilixxu proċedura speċifika biex ikun jista' jiġi kkunsidrat l-aqcuis il-ġdid. Kull meta tiġi adottata miżura ġdida li tkun rilevanti għaz-ZEE, is-Segretarjat tal-EFTA jfassal deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt biex

jiġi emendat l-anness tal-ftehima rispettiva, li normalment tiġi adottata iktar tard mill-Kumitat Konġunt. Jekk il-kostituzzjonijiet tal-pajjiżi tal-EFTA li qegħdin fiż-ŻEE jitolbu l-approvazzjoni tal-Parlament jew inkella permezz ta’ referendum, id-dħul fis-seħħ huwa possibbli biss wara li jintlaħaq dan ir-rekwiżit.
Fir-rigward tal-Ftehimiet bilaterali d-deċiżjoni korrispondenti tittieħed mill-Kumitat Konġunt magħmul mill-Isvizzera u l-UE, wara negozjati bejn il-partijiet kontraenti. Il-Kumitati Konġunti jistgħu jbiddlu biss appendiċi tal-ftehimiet sakemm dawn ikunu ta’ natura teknika. Madankollu, minbarra eċċezzjoni waħda, ma jistgħux ibiddlu d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-ftehimiet.

**3. Is-Sejbiet Ewlenin tal-Abbozz ta' Rapport**

**3.1. Ftehim taż-ŻEE u implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern**

Il-Ftehim taż-ŻEE żgura b'mod effettiv il-parteċipazzjoni tal-Islanda, il-Lichtenstein u n-Norveġja fis-suq intern. Matul il-15-il sena u fuqhom tal-funzjonament, il-Ftehim taż-ŻEE kien raġuni ewlenija għall-iżvilupp ekonomiku għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi EFTA taż-ŻEE u għall-Istati Membri tal-UE.
Minħabba l-ambitu wiesgħa tal-Ftehim taż-ŻEE, ir-Rapporteur tagħkom irrikonoxxa li l-abbozz ta' rapport tiegħu ippermetta biss evalwazzjoni globali tal-istat tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern fil-pajjiżi EFTA taż-ŻEE mingħajr ma jidħol fid-dettall fl-oqsma tal-politika differenti.
Ir-Rapporteur tagħkom huwa tal-opinjoni li l-qagħda tal-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern fl-Istati EFTA taż-ŻEE hija globalment tajba, kif deher fis-Skorbord tas-Suq Intern 2009. B'0.7%, it-trażpożizzjoni medja tad-defiċit tal-Islanda, il-Lichtenstein u n-Norveġja hija l-istess bħal ħafna mill-Istati Membri tal-UE.
Ir-Rapporteur tagħkom iqis li huwa importanti għall-Parlament Ewropew u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE li jidħlu f'diskussjoni strutturata mal-Istati Membri tal-EFTA li qegħdin fiż-ŻEE. Huwa jitlob lill-Kummissjoni Ewropea b'mod partikolari biex tinvolvi aktar lill-Istati Membri tal-EFTA li qegħdin fiż-ŻEE fid-diskussjoni li għaddejja dwar kwistjonijiet tas-suq intern. Huwa jipproponi li hija importanti għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri tal-EFTA li qegħdin fiż-ŻEE biex jidħlu fi skambju tal-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern. F'dan il-kuntest, huwa jinnota li l-**proġett tal-Akkwist Pubbliku Onlajn Pan Ewropew (PEPPOL) ikkoordinat min-Norveġja, li għandu jagħmilha iktar faċli għall-entitajiet tas-settur pubbliku fil-pajjiżi Ewropej kollha biex jagħmlu akkwist transkonfinali, huwa eżempju ta' kooperazzjoni tajba u skambju tal-aħjar prattiki fil-qafas taż-ŻEE. Eżempju ieħor ta' proġett ta' suċċess** huwa s-sorveljanza tas-suq konġunta u l-eżerċizzju ta' infurzar għat-**Taxxi, l-Ħlasijiet, it-Tariffi u t-Tariffi Addizzjonali tal-Kumpaniji tal-Ajru li sar taħt it-Tmexxija tan-Norveġja**.
Ir-Rapporteur tagħkom iqis li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona għandu żewġ sfidi ġodda għall-Ftehim taż-ŻEE fil-livell istituzzjonali.
L-ewwel nett, billi l-ftehim taż-ŻEE huwa bbażat fuq l-istruttura tal-pilastri tal-UE li ġiet abbandunata fit-Trattat ta' Lisbona, teżisti inċertezza dwar liema leġiżlazzjoni tal-UE hija relevanti għaż-ZEE. Din l-inċertezza tista' twassal għal implimentazzjoni iktar bil-mod tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern fl-Istati tal-EFTA li qegħdin fiż-ŻEE; Ir-Rapporteur tagħkom iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni.
It-tieni nett, it-Trattat ta' Lisbona jkabbar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Ir-Rapporteur iqis li, b'analoġija, il-parlamenti tal-Istati EFTA taż-ŻEE għandhom ikunu involuti aktar fil-proċess leġiżlattiv tal-UE fir-rigward tal-proposti relevanti għaż-ŻEE. Huwa jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati EFTA taż-ŻEE bil-proposti leġiżlattivi li jintbagħtu lill-parlamenti

nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE għall-konsultazzjoni.
Ir-Rapporteur tagħkom jinnota li l-Istati EFTA taż-ŻEE huma fil-proċess li jimplimentaw id-Direttiva tas-Servizzi. Huwa jħeġġeġ lill-Istati EFTA taż-ŻEE biex jallokaw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi u biex iwaqqfu b'mod partikolari l-punti ta' kuntatt waħdanin. Barra minn hekk huwa jħeġġeġ lill-Istati EFTA taż-ŻEE biex jużaw id-Direttiva tas-Servizzi bħala opportunità biex jiżviluppaw is-servizzi tagħhom tal-e-gvern.

**3.2. Il-Ftehim tal-Moviment Ħieles tal-Persuni/ir-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Isvizzera**

Ir-Rapporteur tagħkom jinnota li l-Isvizzera tikkontribwixxi bil-mod tagħha għall-iżvilupp tas-Suq Intern.
L-UE kkonkludiet iżjed minn 120 ftehima bilaterali u settorjali mal-Isvizzera, fejn l-iktar importanti huma l-Ftehim għall-Kummerċ Ħieles iffirmat fl-1972, is-7 ftehimiet tal-hekk imsejħa "Bilaterali I" (moviment ħieles ta' persuni, trasport tal-art u tal-ajru, ostakli tekniċi għall-kummerċ, akkwisti pubbliċi, riċerka, agrikoltura) konklużi fl-1999 u l-"Bilaterali II" konklużi fl-2004 (it-Trattati Schengen-Dublin, il-ġlieda kontra l-frodi, it-taxxa tat-tfaddil, l-istatistika, prodotti agrikoli pproċessati, il-pensjonijiet, l-ambjent, il-Midja u d-dikjarazzjoni komuni ta' intenzjoni fir-rigward tal-assoċjazzjoni mal-Programmi tal-Edukazzjoni).
L-abbozz ta' rapport jiffoka fuq il-funzjonament tal-Ftehim tal-Moviment Ħieles ta' Persuni (FMĦP) bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Isvizzera li ġie konkluż bħala parti mill-"Bilaterali I".
L-ewwel nett, ir-Rapporteur tagħkom josserva li l-FMĦP għandu ħafna effetti pożittivi kif deher miż-żidiet kostanti fin-numru ta' ħaddiema impjegati u tal-fornituri tas-servizzi li jaħdmu għal rashom, li jiġu mill-UE u ħadmu fl-Isvizzera bejn l-2005 u l-2009, u li b'hekk taw kontribut għal tfannid akbar tar-rabtiet ekonomiċi bejn l-UE u l-Isvizzera. Hemm bejn wieħed u ieħor 200.000 ħaddiem li kuljum jaqsam il-fruntieri mill-pajjiżi tal-UE jew tal-EFTA biex imur jaħdem fl-Isvizzera.
Minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, ir-Rapporteur tagħkom iqis li jeżistu wkoll numru ta' kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-FMĦP. Kien hemm tħassib dwar kwistjonijiet kemm mill-fornituri tas-servizzi tal-UE kif ukoll mill-awtoritajiet Svizzeri.
In-negozji tal-UE nnutaw ħafna ostakli għall-implimentazzjoni tal-ftehim tal-moviment ħieles ta' persuni, inkluż b'mod partikolari l-ħtiġijiet ta' notifika ta' 8 ijiem għall-impriżi mill-UE li jkunu jixtiequ jipprovdu s-servizzi fl-Isvizzera u l-ħtieġa li jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-infurzar tal-kummissjonijiet tripartiti. Bħala reazzjoni għal dawn il-kritiki, il-gvern Svizzeru tejjeb id-disponibilità tal-informazzjoni relevanti għall-impriżi, b'mod partikolari permezz ta' websajt li tipprovdi informazzjoni dwar is-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Isvizzera. Madankollu, in-negozji ġibdu wkoll l-attenzjoni tar-Rapporteur dwar ir-regolamenti li jobbligaw impriżi barranin li jipprovdu servizzi transkonfinali biex jagħtu garanzija ta' integrità finanzjarja; Dawn id-dispożizzjonijiet jidhru li mhumiex proporzjonati fid-dawl tal-FMĦP għax numru kbir ta' impriżi mhumiex f'sitwazzjoni li jimmobilizzaw ammont bħal dan biex jidħol fis-suq Svizzeru. Ir-Rapporteur innota b'dispjaċir kbir li d-deċiżjoni reċenti tat-Tribunal Svizzeru, li rrifjutat din il-miżura, ġiet ikkontestata mid-distrett awtonomu ta' Basel, li appella kontriha; Għal darba oħra, huwa u jifhem id-dubji, ir-Rapporteur saqsa jekk miżuri bħal dawn kinux proporzjonati.
Il-fornituri tas-servizzi Svizzeri lmentaw dwar, fost oħrajn, il-ħtiġijiet tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża, dwar is-sekondar ta' ħaddiema biex jagħmlu xi tip ta' negozju fil-Ġermanja, il-kumpaniji tal-kostruzzjoni Svizzeri huma obbligati jikkontribwixxu għall-fond tal-lif Ġermaniż anke jekk diġà jkunu pprovdew lif imħallas fl-Isvizzera. Kwistjoni oħra li ssemmiet mill-kumpaniji Svizzeri hija relatata mal-garanzija obbligatorja għal għaxar snin għax-

xogħlijiet kollha relatati mal-bini fi Franza. Dawk kollha li jibnu għandhom jissieħbu f'kumpanija tal-assigurazzjoni Franċiża għall-assigurazzjoni rispettiva tagħhom. L-awtoritajiet Svizzeri jgħidu li huwa diffiċli ħafna għal kumpaniji Svizzeri li jiksbu din l-assigurazzjoni.

Ir-Rapporteur tagħkom josserva li kemm l-obbligu li jkun hemm kontribut għall-fond tal-lif Ġermaniż kif ukoll il-garanzija obligatorja ta' għaxar snin jistgħu jitqiesu bħala ostaklu għal-libertà li jiġu provduti s-servizzi, madankollu, jidhru li mhumiex diskriminatorji fir-rigward tal-Isvizzera għax japplikaw b'mod ugwali fl-UE. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qablet li l-obbligu li jkun hemm kontribut għall-fond tal-lif Ġermaniż jista', taħt ċertu kundizzjonijiet, jitqies bħala kompatibbli mal-libertà li jiġu provduti s-servizzi ggarantita mit-Trattat[1].

Ir-Rapporteur tagħkom iqis li l-alternattivi kollha għandhom jiġu esplorati sabiex l-implimentazzjoni tal-FMĦP tkun tista' titjieb billi jiġi żgurat li r-regoli tas-suq intern identiċi jew paralleli għandhom jiġu interpretati u applikati bl-istess mod fl-UE u l-Isvizzera ħalli tiġi żgurata l-parteċipazzjoni bis-sens tal-Isvizzera fis-suq intern. Uniformità mkabbra fl-applikazzjoni tal-FMĦP u konverġenza iżjed f'waqtha tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern Svizzera u tal-UE jistgħu jipprovdu lill-operaturi ekonomiċi miż-żewġ naħat b'ambjent iżjed trasparenti u prevedibbli għall-benefiċċju reċiproku tal-Isvizzera u tal-UE. Huwa jirrikonoxxi fl-istess ħin l-isforzi kollha tal-qrati Svizzeri biex iqisu l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li saru wara l-iffirmar tal-FMĦP.

Ir-Rapporteur tagħkom jirrikonoxxi li minħabba l-ordni kostituzzjonali Svizzera, l-inkorporazjoni awtomatika ta' acquis ġdid tkun inkompatibbli mas-sistema politika u t-tradizzjonijiet Svizzeri. Huwa konxju wkoll tal-isfidi għall-gvern Svizzeru biex jiżgura li jiġi aċċettat l-FMĦP mill-poplu Svizzeru, speċjalment minħabba l-fatt li kull emenda jew twessigħ tal-ftehim jista' jkun suġġett għal votazzjoni popolari.

Madankollu ir-Rapporteur tagħkom iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Isvizzera biex jaħdmu flimkien sabiex itejbu l-implimentazzjoni tal-FMĦP u ftehimiet bilaterali oħrajn relevanti għall-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern. Ir-Rapporteur tagħkom jistieden lill-Kummissjoni u l-Isvizzera biex iqisu l-possibilità ta' ftehim bilaterali li jiġbor kollox fih sabiex tissaħħaħ l-uniformità tal-applikazzjoni tal-acquis li jaqa' taħt l-ambitu tal-ftehimiet fis-suq intern u fl-Isvizzera, inkluż l-acquis il-ġdid, u biex jinstabu soluzzjonijiet orizzontali għal ċerti kwistjonijiet istituzzjonali.

[1] Cf. il-Każijiet Konġunti C-49/98, C-50/98, C-52/98 sa C-54/98 u C-68/98 sa C-71/98 **(Finalarte u Oħrajn)**.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.6.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 32<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pablo Arias Echeverría, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Gianni Pittella, Mitro Repo, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Laurence J.A.J. Stassen, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Kyriacos Triantaphyllides, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Cornelis de Jong, Emma McClarkin, Rafał Trzaskowski, Wim van de Camp |